# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar il-Erbgħa, 30 ta' April 2025**

**Rikors Nru: 382/2024**
**Nru fuq il-Lista: 10**

**Dolores sive Doris Debattista, armla ta Giuseppe sive Joseph Debattista (K.I. 0280232M), u uliedha Carmelo sive Charles Debattista (K.I. 0663053M), Emanuel sive Noel Debattista K.I. 743854M), Martin Debattista (K.I. 596956M), Mariella Macleod K.I. 0262765M), u Rosette sive Rosetta Debattista (K.I. 96770M)**

**vs**

**Alfred Tabone (K.I. 307146M)[1], Mary Rose Tabone (K.I. 368349M) u l-Awtorità tad-Djar bħala intervenuta fil-kawża[2]**

**Il-Bord;**

---

[1] B'nota ta' ċessjoni tas-17 ta' Marzu 2025, l-atti ġew ċeduti fil-konfront ta' Alfred Tabone.
[2] Korrezzjoni awtorizzata skont id-digriet tas-17 ta' Marzu 2025.

Ra r-rikors promotur datat l-4 ta' Settembru 2024[3], flimkien mad-dokumenti hemm annessi, fejn, *ad litteram*, ġie premess u ntalab is-segwenti:

*1) Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal fond li jismu "Rosalf" li jgib in numru mija hamsa u hamsin (155) Triq Santa Katarina, Hal-Qormi;*

*2) Illi dan il fond ilu mikri lill intimati ghal snin twal bil kera ta €198 (ekwivalenti ghal hamsa u tmenin Liri Maltin {Lm85}) fis sena jithallas kull sitt xhur bil quddiem kull l-ewwel (1) ta Frar u l-ewwel (1) ta Awissu kif jirrizulta mill kopji tal ircevuti hawn annessi u mmarkati Dok "A", Dok "B", u Dok "C", u dan stanti li r-rikkorrenti erronjament naqsu li jitolbu l-awment skond l-Att X tas sena 2009*

*3) Illi ai termini tal Att XXIV tal 2021, ir rikorrenti ghandhom id dritt jitolbu li l-kera tigi riveduta ghall ammont li ma jeccedix tnejn fil-mija (2%) fis sena tal valur liberu u frank fis suq ta fond ta abitazzjoni fl-1 ta Jannar tas sena 2024 u sabiex jigu stabbiliti kondizzjonijiet godda fir rigward tal kera;*

*4) Illi fl-istadju inizjali tal procedimenti dan l-Onorabbli Bord qieghed jintalab bir-rispett li jwettaq it test tal mezzi tal inkwilini Alfred u Mary Rose konjugi Tabone skont ir Regolamenti dwar it Tkomplija tal Kirja (Kriterji tat Test tal Mezzi) mahruga taht l-artikolu 1622 A tal Kodici Civili u kwalunkwe regolament li jista' minn zmien ghall zmien jissostitwixxieh, liema test tal mezzi ghandu jkun ibbazzat fuq id dhul tal inkwilini intimati*

[3] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

*Alfred u Mary Rose konjugi Tabone bejn 1 ta Jannar u 31 ta Dicembru 2023 u fuq il kapital tal istess inkwilini fil-31 ta Dicembru 2023;*

*5) Illi jekk l-inkwilini intimati Alfred u Mary Rose konjugi Tabone ma jissodisfawx il kriterji tad dhul u tal kapital tat test tal mezzi, dan l-Onorabbli Bord ghandu jordna l-izgumbrament tal inkwilini fi zmien qasir u parentorju stabbilit minn dan il Bord, li ma jeccediex sentejn, sabiex il fond mikri lilhom jigi vakat kif ukoll jistabilixxi kumpens xieraq pagabbli lir rikorrenti bhala sidien tal fond in kwisjtoni, matul dan il perjodu;*

*Ghaldaqstant jghidu l-intimati, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar ragunijiet premessi, ghaliex dan l-Onorabbli Bord m'ghandux:-*

*1) jiddikjara u jiddeciedi li l-intimati Alfred u Mary Rose konjugi Tabone huma l-inkwilini tal fond li jismu "Rosalf" li jgib in numru 155, Triq Santa Katerina, Hal-Qormi ai termini tal artikolu tnejn (2) tal Ordinanza li Tirregola it-Tigdid tal Kera tal Bini kif emendata bl-att XXIV tal-2021;*

*2) jordna li jitwettaq it test tal mezzi stabbilit fir Regolamenti dwar it Tkomplija tal Kirja (Kriterji ta Test tal Mezzi) mahruga taht l-artikolu 1622A tal Kodici Civili u kwalunkwe regolament li jista' minn zmien ghal zmien jissostitwixxihom, liema test ghandu jigi ibbazzat fuq id dhul tal inkwilini intimati Alfred u Mary Rose konjugi Tabone bejn l-1 ta Jannar u l-31 ta Dicembru 2023 u fuq il kapital tal istess intimati fil 31 ta Dicembru 2023.*

*3) Jiddikjara u jiddecidi illi ai termini tal Att XXIV tal 2021, il kera ghandha tigi riveduta ghal ammont illi ma jeccedix it tnejn fil mija (2%) fis-sena tal valur liberu u frank tas suq miftugh fl-1 ta Jannar 2024 tal fond surreferit b'effett mid data tal prezentata ta dan ir rikors u sabiex jigu stabbiliti kondizzjonijiet godda fir rigward tal kera f'kaz li l-intimati jissodisfaw il kriterji tat test tal mezzi;*

*4) F'kaz li l-intimati ma jissodisfawx il kriterji tad dhul u tal kapital tat test tal mezzi, jordna li l-intimati ghandhom jivvakaw mill fond hawn fuq imsemmi fi zmien qasir u parentorju li jigi stabbilit minnu - li pero ma jeccediex il-perjodu ta sentejn mid data tal prezentata ta dan ir rikors odjern - oltre li jigu ordnati jhallsu kumpens lir rikorrenti ghal okkupazzjoni tal fond matul l-imsemmi perjodu liema kumpens ghandu jigi determinat minnu skont il kaz;*

*Bl-ispejjez ikollha kontra l-intimati li huma ingunti minn issa ghas subizzjoni taghhom u b'rizerva u minghajr pregudizzju ghad drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tar rikorrenti u ghal kwalsiasi talba ghad danni u talbiet ohrajn jew kwalsiasi azzjoni ohra.*

Ra d-digriet ta' dan il-Bord ta' nhar it-12 ta' Settembru 2024[4].

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar ta' nhar il-21 ta' Ottubru 2024[5].

[4] A fol 7 *et seq* tal-proċess.
[5] A fol 10 *et seq* tal-proċess.

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2024[6], fejn ġew maħtura l-Periti Mario Cassar u Bernice Van Dijk sabiex iħejju stima tal-fond mertu ta' dawn il-proċeduri.

Ra r-risposta tal-intimati Tabone ta' nhar it-13 ta' Novembru 2024[7].

Ra r-rapport peritali tal-Membri Tekniċi mressaq fis-6 ta' Diċembru 2024[8], rigwardanti l-fond mertu ta' dawn il-proċeduri.

Ra n-nota ppreżentata mill-intimati Tabone fis-17 ta' Jannar 2025[9] kontenenti dokumentazzjoni meħtieġa għat-twettieq tat-test tal-mezzi.

Ra n-nota tar-rikorrent ta' nhar is-17 ta' Jannar 2025[10], fejn ġew ippreżentati żewġ affidavits b'xi dokumenti rigward it-titolu.

Ra dak li seħħ fis-17 ta' Marzu 2025, fejn dan il-Bord ġie informat li l-intimat Alfred Tabone ġie nieqes fil-mori tal-proċeduri[11].

Ra dak li seħħ fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2025[12] fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ra n-nota tal-intimata Tabone tas-17 ta' Marzu 2025[13] kontenti kopja taċ-ċertifikat tal-mewt ta' Anthony Tabone.

---

[6] Verbal relattiv jinsab a fol 14 *et seq* tal-proċess.
[7] A fol 16 *et seq* tal-proċess.
[8] A fol 30 *et seq* tal-proċess.
[9] Nota relattiva tinsab a fol 43 *et seq* tal-proċess.
[10] A fol 120 *et seq* tal-proċess.
[11] Verbal relattiv jinsab a fol 118 tal-proċess.
[12] Verbal relattiv jinsab a fol 118 tal-proċess.
[13] Nota relattiva tinsab a fol 150 *et seq* tal-proċess.

Ra l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidra;**

Illi l-proċeduri odjerni huma bbażati fuq l-Att XXIV tas-sena 2021, liema Att nieda proċedura simili għal dik li kienet daħlet fil-konfront ta' kirjiet ibbażati fuq il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-verità l-Att XXIV tas-sena 2021 wettaq ukoll diversi emendi mill-Att preċedenti[14] u dan fi żmien relattivament qasir. Din il-leġislazzjoni hija frott numru konsiderevoli ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nostrana li ddikjarat kemm il-darba ksur tad-drittijiet fundamentali ta' sidien, kemm fir-rigward ta' kirjiet naxxenti mill-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll dawk li jemerġu mill Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi huwa minnu li l-azzjoni hawn utilizzata tippermetti ċertu ammont ta' diskrezzjoni (u allura responsabbiltà) lil dan il-Bord fl-iffissar tal-persentaġġ li għandu jintuża[15]. Madanakollu, għal dan il-Bord, huwa ċar li dan il-persentaġġ, sakemm verament ma jiġux pruvati xi ċirkostanzi estremi, għandu dejjem ikun viċin il-massimu tiegħu[16]. Naturalment dan huwa aktar aċċentwat f'każ fejn xi

[14] Att XXVII tas-sena 2018.
[15] Dwar dan il-Bord jissenjala li l-leġislatur ħass li fejn qabel, l-Att Nru. XXVII tas-sena 2018 kien jistabbilixxi x'għandu jeżamina l-Bord meta jiġi biex jistabbilixxi l-kirja pagabbli (u dan fil-konfront tal-azzjoni taħt il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta), dan il-fattur tneħħa bl-Att Nru XXIV tas-sena 2021. B'hekk skond il-liġi tal-lum, il-Bord hu fil-libertà li jqis kull fattur li huwa jirritjeni determinanti.
[16] Huma issa diversi s-senjalazzjonijiet magħmula fi proċeduri kostituzzjonali u konvenzjonali fuq dan l-aspett. Fost diversi, il-Bord jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Anthony Said *et* vs Avukat tal-Istat *et*,** (Rik Kost Nru: 302/23AJD) mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti (Sede Kostituzzjonali) nhar is-27 ta' Settembru 2024. Ukoll, issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Fatima Azzopardi *et* vs Carmelo Azzopardi *et*,** (210/2020/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Ottubru 2022. Lil hinn minn deċiżjonijiet

sidien, qabel ma jkunu niedu din il-proċedura, jkunu ottjenew dikjarazzjoni li huma sfaw vittmi ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Ikun ħażin li f'każ bħal dak, dan il-Bord possibbilment ikun hu stess kaġun ta' kontinwazzjoni ta' dik il-vjolazzjoni billi jiffissa kirja b'persentaġġ tant baxx li l-kirja l-ġdida tispiċċa tkun waħda irriżorja.

Illi magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet imiss li dawn il-prinċipji jiġu applikati għall-każ odjern.

Illi dwar it-titolu[17], il-Bord huwa sodisfatt mid-dokumentazzjoni mressqa mir-rikorrenti.

Illi minn eżami tad-dokumentazzjoni tal-intimata Mary Tabone relattivi għat-test tal-mezzi, il-Bord isib li l-intimata tissodisfa t-test tal-mezzi rikjest, skond il-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11[18].

Illi skond il-Periti Membri Tekniċi, il-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond in kwistjoni, fil-perjodu rilevanti skond il-liġi, jammonta għal mija u disgħin elf Ewro (€190,000). Tajjeb jingħad li fil-verbal tat-13 ta' Novembru 2024, ġie speċifikat li ma kellux jittieħed qies tal-eventwali potenzjal tal-fond in

f'dik il-kompetenza però, dan il-Bord jagħmel referenza għal dak li ntqal u ġie deċiż fl-ismijiet **Marcus Scicluna Marshall *et* vs Michael Borg Cardona**, (Appell Inferjuri Numru 723/22LM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Ġunju 2024 u fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Albert Naudi *et* vs Patricia Gauci *et***, (Appell Inferjuri Nru. 170/19LM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Ġunju 2021 , fejn fiż-żewġ istanzi aggravju fuq punt simili ġie miċħud.

[17] Dwar dan, il-Bord jiġbed l-attenzjoni għal-fatt li n-nomenklatura ta' min jista' jħejji azzjoni ai termini tal-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta jew l-artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta inbidel. Filwaqt li l-Att XXVII tas-sena 2018 (relevanti għall-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta) kien isemmi li l-azzjoni li kien "il-proprjetarju" li seta' jippreżenta tali rikors, l-Att XXIV 2021, ġustament, illum jutilizza l-kliem "sid il-kera".

[18] Regolamenti 5(7) u 6(6).

kwistjoni[19]. Ir-rapport kien wieħed unanimu u għalhekk dan il-Bord qiegħed jaċċetta dik il-konklużjoni[20].

Illi kif diġà ntqal, għal dan il-Bord, persentaġġ viċin il-massimu ta' 2% għandha tkun ir-regola, u f'dan il-każ ma ġiet ippruvata l-ebda ċirkostanza li twassal il-Bord sabiex jistabbilixxi persentaġġ inqas mill-massimu li tippermetti l-liġi[21]. B'hekk, il-kera annwali pagabbli tal-fond in kwistjoni għandu jkun fl-ammont ta' tliet elef u tmien mitt Ewro (€3,800) fis-sena.

Għaldaqstant il-Bord qiegħed jiddisponi minn din il-vertenza billi:

---

[19] F'dan is-sens il-Bord jagħmel referenza għas-sentenza riċenti fl-ismijiet **Agostina sive Ina Cini *et* vs L-Avukat tal-Istat *et*** (Rik Nru. 107/2022) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-18 ta' Novembru 2024, fejn ġie mtenni hekk: "*F'sentenzi oħra ta' din ix-xorti lqorti diga' għamlitha ċara li l-potenzjal ta' żvilupp tal-fond hu rrilevanti. Meta tiġi għal-likwidazzjoni tal-kumpens pekunjarju, dak li hu rilevanti hu stima tal-kera tal-fond kif inhu fiż-żmien rilevanti. Il-potenzjal ta' żvilupp hu rilevanti li kieku l-fond ikun ser jinbiegħ. F'dawn il-każijiet il-fond jibqa' proprjeta' tas-sidien.*" Referenza ssir ukoll għas-sentenza ta' dan il-Bord fl-ismijiet **Gerald Camilleri *et* vs Alphonse Camilleri *et*,** (Rik Nru: 213/2020) mogħtija nhar is-27 ta' Ottubru 2023 (mhux appellata) li fiha ġew imħaddna l-prinċipji relattivi emerġenti mill-aħħar sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali dwar dan il-punt. Dan il-ħsieb ġie wkoll imtenni fis-sentenza fl-ismijiet **Joanne Cassar *et* vs Frances Azzopardi** (Rik Nru: 450/22NB) mogħtija minn dan il-Bord diversament presedut nhar is-17 ta' Ottubru 2024; fis-sentenza fl-ismijiet **Vincent Bonello *noe* vs Joseph Cardona *et***, (Rik Nru: 53/20NB) mogħtija minn dan il-Bord diversament presedut nhar il-25 ta' Jannar 2024; u fis-sentenza fl-ismijiet **Carmen Callus *et* vs Carmel Debattista *et*** (Rik Nru: 620/22NB) mogħtija minn dan il-Bord diversament presedut nhar is-27 ta' Ġunju 2024. Issir ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Mario Cini *et* vs Rose Busuttil,** (Rik Nru: 682/2022LC) mogħtija minn dan il-Bord diversament presedut nhar it-18 ta' Ottubru 2024.

[20] Artikolu 23(3) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

[21] Ara dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Rossana Mula *et* vs Maria Theresa k/a Marthese Farrugia**, (Rik App Nru: 346/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-13 ta' Marzu 2024, u fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Carmela Bugelli *et* vs Saviour Bonnici *et*.,** (Rik App Nru: 760/2022LM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-29 ta' Mejju 2024 fejn ġiet mibdula l-pożizzjoni mħaddna mill-istess Qorti f'deċiżjonijiet passati bħal dik fl-ismijiet **Louis Vincenti *et* vs Maria sive May Herrera *et*,** (App Ċiv Nru: 237/18LM) mogħtija fis-7 ta' Lulju 2023, u fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Rose Spiteri *et* vs Antoine Farrugia *et***, (App Ċiv Nru: 265/2021) mogħtija fl-24 ta' Mejju 2023.

1) Jilqa’ l-ewwel talba u jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimata Mary Tabone hija l-inkwilina tal-fond li jismu ‘Rosalf’ bin-numru mija ħamsa u ħamsin (155), Triq Santa Katerina, Qormi ai termini tal-Artikolu 2 tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta’ Malta.
2) Jastjeni milli jqis iktar it-tieni talba billi t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament ta’ dawn il-proċeduri.
3) Jilqa’ limitatament it-tielet talba u b’hekk jordna li l-intimata Tabone tibda tħallas lir-rikorrenti kera għall-fond mertu ta’ dawn il-proċeduri, fl-ammont ta’ tliet elef u tmien mitt Ewro (€3,800) fis-sena, fl-ammont ta’ tliet mija u sittax-il Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€316.66ċ) fix-xahar, pagabbli kull xahrejn bil-quddiem mid-data ta’ din is-sentenza.
4) Jiċħad ir-raba’ talba.
5) Jiċħad l-eċċezzjonijiet sa fejn inkompatibbli ma’ dak hawn deċiż.

Minħabba n-natura tal-proċeduri kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha. L-ispejjeż tal-Awtorità tad-Djar jibqgħu bla taxxa.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur